MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 372/2004

Saviour Farrugia, ufficjal Inkarigat mis-Sezzjoni arretrati, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta
vs
Rita McBee

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` kummercjali Maltacom p.l.c. li biha ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat mis-Sezzjoni Arretrati, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta kontra Rita McBee (Citazz. Nru. 1014/93AJM) giet deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' Jannar 1994, u fl-istess kawza l-konvenuta kienet giet kundannata thallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' Lm886.84 (tmien mija sitta u tmenin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu), in konnessjoni mas-servizz

telefoniku numru 240543 li kien installat fil-fond numru 97/2, Triq San Duminku, Valletta, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-Socjeta` Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess Socjeta` rikorrenti li kellha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenuta ma hallset xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm89.21 (disgha u tmenin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa annessa mar-rikors u mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm709.47 (seba' mija u disa' liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lir-rikorrenti huwa ta' Lm1685.52 (elf, sitt mija, hamsa u tmenin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt illi ghamlet referenza ghall-Artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` Maltacom p.l.c..

Ikkunsidrat

**PROVI:**

Illi semghet bil-gurament lil Dr. Ingrid Zammit Young avukat mas-socjeta` Maltacom p.l.c. li ddikjarat li l-

ammont kollu ghadu dovut fis-sens li mid-data tas-sentenza qatt ma gie mhallas xejn mill-konvenuta.

**KONKLUZJONIJIET:**
Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat li llum l-intimata mghajta tliet darbiet ma deheritx.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat mis-Sezzjoni Arretrati kontra Rita McBee (Citazz. Nru. 1014/93AJM) deciza fis-17 ta' Jannar, 1994.

Spejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------